Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,391, 21 ta' April, 2020
Taqsima B

A.L. 148 tal-2020

ATT DWAR GWARDJANI PRIVATI U UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ (KAP. 389)

Regolamenti tal-2020 dwar is-Sospensjoni tal-Korsijiet għat-Tiġdid tal-Liċenzji tal-Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 24 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, il-Ministru responsabbli għall-pulizija għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2020 dwar is-Sospensjoni tal-Korsijiet għat-Tiġdid tal-Liċenzji tal-Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità; Kap. 389.

"gwardjan privat" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att.

"uffiċjal tal-komunità" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att.

3. L-ebda persuna awtorizzata ma għandha tagħmel korsijiet jew korsijiet ta' taħriġ kontinwu għall-gwardjani privati u uffiċjali tal-komunità sakemm jinħareġ avviż ieħor.

4. Ir-rekwiżit għall-gwardjani privati li jattendu kors biex ikollhom il-liċenzji tagħhom imġeddin kif stipulat fir-Regolamenti dwar Gwardjani Privati, huwa sospiż sakemm jinħareġ avviż ieħor. L.S. 389.01.

5. Il-liċenzji ta' gwardjani privati u uffiċjali tal-Komunità li jiskadu fl-1 ta' Marzu 2020 jew sussegwentement, għandhom jkunu awtomatikament estiżi sakemm jinħareġ avviż ieħor. Sussegwentement, il-liċenzji għandhom jiġu mġeddin skont ir-Regolamenti dwar Gwardjani Privati u r-Regolamenti dwar Uffiċjali tal-Komunità. L.S. 389.01. L.S. 389.02.